MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 415/2003

**Martin Fenech**

**vs**

**Davide Morello**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ Frar, 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ elf lira Maltin (lm1,000.00) rapprezentanti danni kagunati f’incident awtomobilistiku tas-17 ta’ Ottubru 2002 li sehh f’Hompesch Road, Fgura bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAK 745 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBA112 misjuqa mill-attur ghall-liema ncident kien jahti unikament il-konvenut.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mill-attur fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2004 fejn huwa rriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' hames mija u erbatax il-lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm514.75).

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragni da parti tal-konvenut kif allegat fit-talba.

Sema' x-xhieda ta' PS1067 Mario Spiteri, tal-attur,tal-konvenut ta' John Borg Bellanti. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fis-17 ta' Ottubru 2002 fi Triq Hompesch, Fgura bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBA 112 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAK 745 misjuqa mill-konvenut.

L-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Hompesch gej mid-direzzjoni tal-Fgura u sejjer lejn Haz-Zabbar. Huwa ried jikser lejn Triq Sant'Antnin, cioe' triq laterali man-naha tal-lemin tieghu, u ghalhekk xeghel l-*indicator* u waqt li kien qed idur il-vettura tal-konvenut I kienet gejja minn warajh tatu daqqa fuq wara u dawritu bil-kontra u cioe' qiesu kien hiereg minn Triq Sant'Antini minflok diehel fiha.. L-attur jghid li qabel ma beda jdur huwa kien hares fil-mera sabiex jara humiex gejjin vetturi minn warajh. L-attur jispjega li huwa kien wieqaf bl-*indicator* mixghul fuq il-vlegga li hemm apposta f'nofs tat-triq li qeda hemm biex vetturi li jridu jduru lejn il-lemin jieqfu u jesploraw it-triq ghal vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. L-attur isostni li kien ilu jistenna ftit

sekondi fuq din il-vlegga sakemm tghaddi vettura gejja mis-sirezzjoni opposta u meta din ghaddiet huwa qala' minn fuq il-vlegga u huwa u jdur hares mill-mera tal-genb u ma rax vetturi gejjin minn warajh. Il-vettura tieghu kienet angolata thares lejn il-lemin. Id-daqqa fil-vettura tal-attur kienet man-naha atl-lemin fuq wara. Huwa jghid li kellu vizwali pjuttost fit-tul minn wara, u cioe' mid-direzzjoni li minnha kien gej il-konvenut.

In kontro-ezami l-attur cahad li kien wieqaf mal-genb tat-triq u jghid li sakemm wasal fuq il-vlegga huwa kien qed jipprocedi fi Triq Hompesch.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni BAK 745 f'Hompesch Road, gej mid-direzzjoni tal-Fgura u sejjer lejn Haz-Zabbar. Huwa ra l-vettura tal-attur wieqfa man-naha tax-xellg tieghu u din il-vettura qabdet u harget mill-*parking space* minghajr ebda indikazzjoni. Huwa kien il-boghod mill-vettura tal-attur madwar ghaxar metri u ghalhekk ma lahaqx waqaf u b''hekk saret il-habta. Il-konvenut jaqbel li l-*brake marks* riportati fl-iskizz huma tieghu u jispjega li kien qed isuq b'velocita' ta' bejn tmeini (80) u dIsghin (90) kilometru fis-siegha. Il-hsara fil-vettura tieghu kienet fil-faccata ta' quddiem filwaqt li fil-vettura tal-attur kienet fuq il-lemin fuq wara. Il-konvenut jispjega li l-*brake marks* li jidhru wara l-vettura tieghu huma angolati ghaliex huwa prova jevita l-vettura tal-attur.

Jibda beix jinghad li hemm diskrepanza bejn il-verzjoni moghtija mill-attur *'a tempo vergine'* hekk kif riportata fir-*Road Accident Report* u l-verzjoni moghtija minnu quddiem it-Tribunal. *A tempo vergine* huwa ma qalx li kien wieqaf fuq il-vlegga li hemm fin-nofs tat-triq , huwa qal biss li xeghel l-indicator u waqt li kien qieghed idur lejn Triq Sant'Antnin giet il-vettura tal-konvenut minn warajh u bid-daqqa dawritu jhares bil-kontra. It-Tribunal huwa ferm aktar propens li jemmen il-verzjoni moghtija *a tempo vergine* stante li jidhirlu li din tkun aktar tirrifletti l-verita' ghaliex sewwieq ma jkunx ghad kellu cans jitkellem ma terzi dwar id-dinamika tal-incident u ma jkollux cans ibiddel il-verzjoni tieghu sabiex ma jirriuzltax li huwa kellu

xi responsabilita'. Inoltre jekk wiehed jezamina l-iskizz jara li l-*brake marks* tal-vettura tal-konvenut jibdew fil-karreggjata ta' barra u dan jindika li –vettura tal-attur qasmitlu ghal quddiemu u hasditu u mhux li kienet wieqfa fuq il-vleggja ghaliex altrimenti il-konvenut ma kienx ikollu ghalfejn jaghfas il-*brake*. Il-konvenut min-naha l-ohra jsostni li l-attur kien parkeggjat man-naha tax-xellug tieghu u qabad u hariglu mill-*parking space* u qasam it-trq. L-attur ovvjament cahad li kien wieqaf mal-genb tat-triq u qal li qabel ma waqaf fuq il-vleggja huwa kienqed jipprocedi f'Hompesch Road. Fil-fehma tat-Tribunal l-incident de quo sehh bil-mod li spjega l-attur *a tempo vergine* u cioe' li huwa xeghel *l-indicator* biex jikser lejn il-lemin u malli dar giet il-vettura tal-konvenut minn wara u laqtitu fil-genb tal-lemin man-naha ta' wara. Il-konvenut jammetti li huwa kien qed isuq b'velocita' ta' madwar 90 kilometru fis=siegha u t-Tribunal jidhirlu li din hija velocita' eccessiva ghal-lokalita' in kwistjoni.

Una volta li gie stabbilit kif sehhet id-dinamika tal-incident de quo irid issa jigi deteminat x'kienet il-kawza prossima tal-istess incident. It-Tribunal jidhorlu li l-kawza prossima kien il-mod inkonsult li bih l-attur effetwa ir-*right hand turn*. Huwa naqas milli jsegwi l-obbligi ta' sewwieq prudenti li jrid jeffetwa din it-tip ta' manuvra fis--sens li huwa ma accertax ruhu li l-vetturi li kienu gejjin minn warajh fehemu l-jintenzjoni tieghu li jdur lejn il-lemin. Il-fatt li huwa xeghel *l-indicator* m'huwiex bizzejjed u ma jissodisfax dan l-obbligu. Mill-provi rrizulta car li l-attur kellu vizwali fit-tul ghall-vetturi gejjin minn  warajh u l-fatt li huwa ma rax il-vettura tal-konvenut li kienet gejja minn dik id-direzzjoni jindika li huwa ma esplorax adegwatament it-riq ghalll-vetturi gejjin minn warajh qabel ma effetwa r-*right hand turn*.

Kif diga' ntqal aktar il-fuq il-konvenut jidher li kien qed isuq b'velocita' eccessiva ghall-lokalita' in kwistjoni izda it-Tribunal jidhirlu li din ma kienitx il-kawza prossima tal-incident ghaliex kieku l-attur indika adegwatament l-intenzjoni tieghu li jdur lejn il-lemin qabel ma qabad u dar l-incident ma keinx isehh.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Ottubru 2002.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------